31984D0132

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-1 ta' Marzu 1984
dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jikkonċerna żoni speċjalment protetti tal-Mediterran

(84/132/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-programmi ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent [2] jenfasizzaw il-bżonn tal-protezzjoni u l-purifikazzjoni tal-baħar, biex ikun jista' jibqa' jwettaq il-parti tiegħu fil-priservazzjoni u l-iżvilupp ta' speċi, u biex iżomm il-bilanċ ekoloġiku vitali;

Billi t-tieni programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent jenfasizza l-bżonn urġenti ta' soluzzjonijiet internazzjonali għall-problemi ta' l-iżvilupp u l-maniġġjar ekoloġiku tar-reġjuni tal-kosta;

Billi t-tielet programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent [3], li tiegħu l-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri approvaw il-prinċipji ewlenin fis-7 ta' Frar 1983, jagħmel referenza partikolari għall-bżonn ta' politika razzjonali għall-ħarsien u l-maniġġjar ta' riżorsi naturali;

Billi l-koperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari mas-sieħba tal-Komunità fil-Mediterran, għall-finijiet li jiġi mħares l-ambjent hi waħda mill-għanijiet tat-tieni programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent:

Billi l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-Baħar Mediterran kontra t-tniġġis, approvat mill-Komunità bid-Deċiżjoni 77/585/KEE [4], jagħti s-setgħa lill-partijiet kontraenti li jadottaw Protokolli Addizzjonali li jippreskrivu miżuri, proċeduri u *standards* dwar l-implimentazzjoni ta' l-imsemmija Konvenzjoni; billi, skond dan l-Artikolu, l-Istati tal-Mediterran rappreżentati f'konferenza ta' plenipotenzjarji li saret f'Ginevra fit-2 ut-3 ta' April 1982 iffirmaw Protokoll dwar żoni speċjalment protetti tal-Mediterran:

Billi l-Komunità approvat ukoll, bid-Deċiżjoni 75/585/KEE, il-Protokoll dwar il-prevenzjoni ta' tniġġis tal-Baħar Mediterran bir-rimi minn fuq vapuri u inġenji ta' l-ajru, u, bid-Deċiżjoni 81/420/KEE [5], il-Protokoll dwar il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-tniġġis tal-Baħar Mediterran bi żjut u sustanzi oħra li jagħmlu l-ħsara f'każi ta' emerġenza u, bid-Deċiżjoni 83/101/KEE [6], il-Protokoll dwar il-ħarsien tal-Baħar Mediterran minn sorsi ta' tniġġis minn fuq l-art;

---

[1] ĠU C 322, tat-28.11.1983, pġ. 278.
[2] ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, pġ. 1 u ĠU C 139, tat-13.6.1977, pġ. 1.
[3] ĠU C 46, tas-17.2.1983, pġ. 1.
[4] ĠU L 240, tad-19.9.1977, pġ. 19.
[5] ĠU L 162, tad-19.6.1981, pġ. 4.
[6] ĠU L 67, tat-12.3.1983, pġ. 1.

Billi l-Protokoll dwar żoni speċjalment protetti fil-Mediterran jiddisponi għall-possibbiltà ta' l-adozzjoni ta' miżuri dwar kummerċ, importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' fawna u flora protetti minnu u jista', għalhekk, jaffettwa l-politika kummerċjali komuni u l-moviment liberu ta' oġġetti bejn Stati Membri;

Billi xi disposizzjonijiet tal-Protokoll imsemmi jistgħu jaffettwaw id-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar tniġġis kawżat minn xi sustanzi perikoluż mormija fl-ambjent akkwatiku tal-Komunità [1], id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi [2], id-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE tat-30 ta' Ottubru 1979 dwar il-kwalità meħtieġa ta' l-ilmijiet bi frott tal-baħar bil-qoxra [3] u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 348/81 ta' l-20 ta' Jannar 1981 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' prodotti ċetaċei [4];

Billi l-Protokoll imsemmi jimmira biex ikunu mħarsa r-riżorsi naturali komuni tar-reġjun, biex tkun ippriservata d-diversità ta' l-ispeċi indiġeni u biex jitħarsu xi abitazzjonijiet naturali billi jkunu stabbiliti numru ta' żoni speċjalment protetti;

Billi l-biċċa l-kbira tal-firmatarji tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-Baħar Mediterran kontra t-tniġġis u tal-Protokolli annessi igawdu, fil-qafas tal-politika ġenerali tal-Komunità dwar il-Mediterran, relazzjoni speċjali mal-Komunità, partikolarment dwar koperazzjoni; billi l-Protokoll dwar iż-żoni speċjalment protetti tal-Mediterran jippreskrivi regoli dettaljati għal koperazzjoni bħal din fis-setturi li jkopri;

Billi l-Komunità ffirmat il-Protokoll imsemmi fit-30 ta' Marzu 1983;

Billi l-Komunità se tieħu sehem fl-implimentazzjoni tal-Protokoll imsemmi billi teżerċita l-kompetenza tagħha kif jirriżulta mir-regoli komuni eżistenti kif ukoll minn dawk miksuba b'riżultat ta' atti fil-ġejjieni li jkunu adottati mill-Kunsill, u billi tuża r-riżultati ta' azzjonijiet tal-Komunità (stħarriġ-skambju ta' informazzjoni) fl-oqsma konċernati;

Billi jidher meħtieġ li l-Komunità għandha tapprova l-Protokoll imsemmi biex tikseb, matul it-tħaddim tas-suq komuni, wieħed mill-għanijiet preskritti mill-Komunità fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent u tal-kwalità tal-ħajja; billi, minħabba li t-Trattat ma jagħtix is-setgħat speċifiċi ta' azzjoni meħtieġa għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, wieħed għandu jaqa' fuq l-Artikolu 235 tiegħu,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar iż-żoni speċjalment protetti tal-Mediterran hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Protokoll hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-atti kif previst fl-Artikolu 18 tal-Protokoll imsemmi fl-Artikolu 1.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Marzu 1984.

Għall-Kunsill

Il-President

H. BOUCHARDEAU

(1) ĠU L 129, tat-18.5.1973, pġ. 23.
(2) ĠU L 103, tal-25.4.1979, pġ. 1.
(3) ĠU L 281, ta' l-10.11.1979, pġ. 47.
(4) ĠU L 39, tat-12.2.1981, pġ. 1.

PROTOKOLL

concerning Mediterranean specially protected areas

IL-PARTIJIET KONTRAENTI TA' DAN IL-PROTOKOLL,

BILLI HUMA PARTIJIET TAL-KONVENZJONI dwar il-ħarsien tal-Baħar Mediterran kontra t-tniġġis, iffirmata f'Barċellona fis-16 ta' Frar 1976,

KONXJI tal-periklu li qed jhedded l-ambjent taż-żona sħiħa tal-Baħar Mediterran, minħabba l-attivitajiet dejjem jiżdiedu tal-bniedem fir-reġjun

WAQT LI JIKKUNSIDRAW il-karatteristiċi idrografiċi u ekoloġiċi taż-żona tal-Baħar Mediterran,

WAQT LI JENFASIZZAW l-importanza li jipproteġu u, kif approprjat, itejbu l-istat tar-riżorsi naturali u s-siti naturali tal-Baħar Mediterran, kif ukoll tal-wirt kulturali fir-reġjun, fost mezzi oħra bl-istabbiliment ta' żoni speċjalment protetti inklużi żoni marini u l-ambjent tagħhom

WAQT LI JIXTIEQU li jistabbilixxu koperazzjoni sħiħa bejniethom biex jinkiseb dak il-għan,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Partijiet Kontraenti ta' dan il-Protokoll (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet") għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu dawk iż-żoni marini li huma importanti għas-salvagward tar-riżorsi naturali u s-siti naturali taż-żona tal-Baħar Mediterran, kif ukoll għas-salvagward tal-wirt kulturali tagħhom fir-reġjun.

2. Xejn f'dan il-Protokoll m'għandu jippreġudika l-kodifikazzjoni u l-iżvilupp tal-liġi dwar il-baħar tal-Konferenza ta' l-Istati Uniti dwar il-Liġi dwar il-Baħar imlaqqgħa skond ir-riżoluzzjoni 2750 Ċ (XXV) ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u lanqas il-pretensjonijiet u l-veduti legali preżenti u futuri ta' xi Stat dwar il-liġi tal-baħar u n-natura u l-firxa ta' ġurisdizzjoni tal-kosta u ta' l-Istat tal-bandiera.

Artikolu 2

Għall-finijiet tad-deskrizzjoni taż-żoni speċjalment protetti (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "żoni protetti"), iż-żona li għaliha japplika dan il-Protokoll hi ż-żona tal-Baħar tal-Mediterran kif imfissra fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-Baħar Mediterran kontra t-tniġġis (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); waqt li hu mifhum li, għall-finijiet tal-Protokoll preżenti, għandha tkun limitata għall-ilmijiet territorjali tal-Partijiet u tista' tinkludi ilmijiet lejn in-naħa ta' l-art tal-linja bażi li minnha jitkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali u li tasal, fil-każ ta' kanali ta' l-ilma, sal-limitu ta' l-ilma ħelu. Tista' wkoll tinkludi artijiet mistagħdra jew żoni fil-kosta nominati minn kull Parti

Artikolu 3

1. Il-Partijiet għandhom, sa fejn possibbli, jistabbilixxu żoni protetti u jagħmlu ħilithom biex iwettqu l-azzjoni meħtieġa biex tħares dawk iż-żoni u, kif approprjat, jirrestawrawhom, kemm jista' jkun malajr.

2. Żoni bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti biex jissalvagwardaw b'mod partikolari:

(a) — siti ta' valur bijoloġiku u ekoloġiku,

— id-diversità ġenetika, kif ukoll il-livelli sodisfaċenti ta' popolazzjoni, ta' speċi, u ta' fejn ibejtu u jgħixu,

— tipi rappreżentattivi ta' ekosistemi, kif ukoll il-proċessi ekoloġiċi;

(b) siti ta' importanza partikolari minħabba l-interess xjentifiku, estetiku, storiku, arkeoloġiku, kulturali jew edukattiv tagħhom.

Artikolu 4

Il-Partijiet ta' dan il-Protokoll għandhom, fl-ewwel laqgħa tagħhom, jiffurmolaw u jadottaw, jekk hemm bżonn b'koperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, linji ta' gwida komuni u, jekk meħtieġ, *standards* jew kriterji li jittrattaw b'mod partikolari dwar:

(a) l-għażla ta' żoni protetti;

(b) l-istabbiliment ta' żoni protetti;

(ċ) l-amministrazzjoni ta' żoni protetti;

(d) in-notifikazzjoni ta' informazzjoni dwar żoni protetti.

Artikolu 5

Il-Partijiet jistgħu jsaħħu l-ħarsien ta' żona protetta billi jistabbilixxu, fiż-żona li għaliha japplika dan il-Protokoll, żona jew żoni separati li fihom l-attivitajiet ikunu inqas strettament ristretti waqt li jibqgħu konformi ma' l-iskopijiet taż-żona protetta.

Artikolu 6

1. Jekk xi parti jkollha l-ħsieb li tistabbilixxi żona protetta li tmiss mal-fruntiera jew mal-limiti taż-żona ta' ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Parti oħra, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet għandhom jippruvaw jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li jaslu fi ftehim dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u għandhom, fost ħwejjeġ oħra, jeżaminaw il-possibbiltà ta' l-istabbiliment mill-Parti l-oħra ta' żona protetta korrispondenti jew l-adozzjoni minnha ta' xi miżura xierqa oħra.

2. Jekk Parti jkollha l-ħsieb tistabbilixxi żona protetta li tmiss mal-fruntiera jew mal-limiti taż-żona ta' ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Stat li ma' jkunx parti minn dan il-Protokoll, il-Parti għandha tipprova taħdem flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat bil-ħsieb li jsiru l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Jekk żoni protetti li jmissu ma' xulxin ikunu stabbiliti minn żewġ Partijiet, jew minn Parti waħda u minn Stat li ma jkunx parti minn dan il-Protokoll, arranġamenti speċjali jistgħu jiddisponu għall-mezzi li permezz tagħhom il-konsultazzjoni jew il-kollaborazzjoni maħsuba fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament jistgħu jitwettqu.

4. Jekk Stat li ma jkunx parti minn dan il-Protokoll jagħmel il-ħsieb li jistabbilixxi żona protetta li tkun tmiss mal-fruntiera jew mal-limiti taż-żona ta' ġurisdizzjoni nazzjonali ta' xi Parti minn dan il-Protokoll, dan ta' l-aħħar għandu jipprova jaħdem flimkien ma' dak l-Istat bil-ħsieb li jsiru konsultazzjonijiet, u possibbilment li jiġi konkluż arranġament speċjali kif imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 7

Il-Partijiet, wara li jkunu kkunsidraw l-għanijiet li jridu jintlaħqu wara li jkunu kkunsidraw il-karatteristiċi ta' kull żona protetta, għandhom, f'konformità mar-regoli tal-liġi internazzjonali, jieħdu l-miżuri meħtieġa progressivament, li jistgħu jinkludu:

(a) l-organizzazzjoni ta' sistema ta' ippjanar u tmexxija;

(b) il-projbizzjoni ta' tfigħ jew rimi ta' skart jew materjal ieħor li jista' jgħarraq iż-żona protetta;

(ċ) ir-regolamentazzjoni tal-passaġġ ta' vapuri jew ta' waqfien jew ankrar;

(d) ir-regolamentazzjoni ta' sajd u kaċċa u l-qbid ta' annimali u l-ħsad ta' pjanti;

(e) il-projbizzjoni tal-qerda ta' ħajja ta' pjanti jew annimali u ta' l-introduzzjoni ta' speċi eżotiċi;

(f) ir-regolamentazzjoni ta' xi att li jista' jkun ta' ħsara jew disturb għall-fawna jew il-flora, inkluża l-introduzzjoni ta' speċi indiġeni żooloġiċi jew botaniċi;

(g) ir-regolamentazzjoni ta' kull attività li tinvolvi l-esplorazzjoni jew l-isfruttament ta' qiegħ il-baħar jew tas-sediment tiegħu jew xi modifikazzjoni tal-profil ta' qiegħ il-baħar;

(h) ir-regolamentazzjoni ta' kull attività li tinvolvi xi modifikazzjoni tal-profil tal-ħamrija jew l-isfruttament tas-saff ħamrija ta' taħt il-wiċċ ta' l-art li tifforma parti miż-żona marina protetta;

(i) ir-regolamentazzjoni ta' kull attività arkeoloġika u tat-tneħħija ta' kull oġġett li jista' jiġi meqjus bħala oġġett arkeoloġiku;

(j) ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ ta' importazzjoni u esportazzjoni ta' annimali, partijiet ta' annimali, pjanti, partijiet ta' pjanti u oġġetti arkeoloġiċi li joriġinaw minn żoni protetti u li jkunu suġġetti għal miżuri ta' protezzjoni;

(k) kull miżura oħra maħsuba biex tissalvagwardja l-proċessi ekoloġiċi u bijoloġiċi f'żoni protetti.

Artikolu 8

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu pubbliċità lill-istabbiliment ta żoni protetti, kif ukoll taż-żoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 5, u lill-markar tagħhom u lir-regolamenti li japplikaw għalihom.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi notifikata lill-Organizzazzjoni indikata fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Organizzazzjoni") li għandha tiġbor u żżomm aġġornat direttorju ta' żoni protetti fiż-żona li għaliha japplika dan il-Protokoll. Il-Partijiet għandhom jgħaddu lill-Organizzazzjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan.

Artikolu 9

1. Il-Partijiet għandhom, waqt li jippromulgaw miżuri ta' protezzjoni, jikkunsidraw l-attivitajiet tradizzjonali tal-popolazzjonijiet lokali. Sa fejn hu assolutament possibbli, l-ebda eżenzjoni li tingħata għal din ir-raġuni ma għandha tkun tali li:

(a) tipperikola ż-żamma ta' ekosistemi protetti skond it-termini tal-Protokoll preżenti jew il-proċessi bijoloġiċi li jgħinu għaż-żamma ta' dawk l-ekosistemi;

(b) tikkawża l-estinzjoni jew it-tnaqqis sostanzjali ta' numri ta' individwi li jiffurmaw l-ispeċi jew il-popolazzjoni ta' annimali u pjanti fi ħdan l-ekosistemi protetti, jew xi speċi jew popolazzjonijiet konnessi ekoloġikament, b'mod partikolari speċi li jimxu minn post għal ieħor u speċi rari, fil-periklu jew endemiċi

2. Partijiet li jagħmlu eżenzjonijiet fir-rigward ta' miżuri protettivi jew li ma japplikawx miżuri bħal dawn strettament għandhom jinfurmaw b'dan lill-organizzazzjonijiet.

Artikolu 10

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu u jiżviluppaw stħarriġ xjentifiku u tekniku dwar iż-żoni protetti tagħhom u l-wirt arkeoloġiku ta' dawk iż-żoni.

Artikolu 11

Il-Partijiet għandhom jippruvaw jinfurmaw lill-pubbliku kollu kemm jista' jkun dwar it-tifsir u l-interess taż-żoni protetti u t-tagħrif xjentifiku li jista' jinkiseb minnhom mill-lat kemm ta' konservazzjoni tan-natura u kemm ta' arkeoloġija. Din l-informazzjoni għandu jkollha post xieraq fi programmi edukattivi dwar l-ambjent u l-istorja. Il-Partijiet għandhom jippruvaw jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-pubbliku tagħhom u ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom għall-konservazzjoni tan-natura b'miżuri xierqa meħtieġa għall-protezzjoni taż-żoni konċernati.

Artikolu 12

Il-Partijiet għandhom, sa fejn hu possibbli, jistabbilixxu programm ta' koperazzjoni biex jikkordinaw l-istabbiliment, l-ippjanar, l-amministrazzjoni u l-konservazzjoni ta' żoni protetti, bil-ħsieb li joħolqu *network* ta' żoni protetti fir-reġjun tal-Mediterran, waqt li jikkunsidraw sew in-*networks* eżistenti, speċjalment dawk ta' riservi bijosferiċi ta' l-Unesco. Għandu jkun hemm bdil regolari ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi taż-żoni protetti, l-esperjenzi miksuba u l-problemi li jkunu nqalgħu.

Artikolu 13

Il-Partijiet għandhom, skond il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 14, jibdlu informazzjoni xjentifika u teknika dwar stħarriġ kurrenti jew ippjanat u r-riżultati mistennija. Għandhom, sa fejn hu possibbli, jikkordinaw l-istħarriġ tagħhom. Għandhom barra minn hekk, jiddefinixxu flimkien jew jistandardizzaw il-metodi xjentifiċi li għandhom ikunu applikati fl-għażla, fit-tmexxija u fil-monitoraġġ ta' żoni protetti.

Artikolu 14

1. Waqt li japplikaw il-prinċipji ta' koperazzjoni preskritti fl-Artikoli 12 u 13, il-Partijiet għandhom jgħaddu lill-Organizzazzjoni:

(a) informazzjoni paragunabbli dwar il-monitoraġġ ta' l-iżvilupp bijoloġiku ta' l-ambjent tal-Mediterran;

(b) rapporti, pubblikazzjonijiet u informazzjoni ta' natura xjentifika, amministrattiva u legali, b'mod partikolari:

— dwar il-miżuri meħuda mill-Partijiet skond dan il-Protokoll għall-ħarsien taż-żoni protetti,

— dwar l-ispeċi preżenti fiż-żoni protetti,

— dwar xi theddid għal dawk iż-żoni, speċjalment dak li jkun ġej minn sorsi ta' tniġġis li ma jkunux fil-kontroll tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jinnominaw persuni responsabbli għaż-żoni protetti. Dawk il-persuni għandhom jiltaqgħu għall-inqas darba kull sentejn biex jiddiskutu suġġetti ta' interess komuni u speċjalment biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar informazzjoni xjentifika, amministrattiva u legali kif ukoll l-istandardizzazzjoni u l-proċessar ta' data.

Artikolu 15

1. Il-Partijiet għandhom, direttament jew bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet kompetenti reġjonali jew internazzjonali jew bilateralment, jikkoperaw, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, biex jifformolaw u jimplimentaw programmi ta' għajnuna reċiproka u ta' għajnuna għal dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li juru interess fiha fl-għażla, fl-istabbiliment u fl-amministrazzjoni ta' żoni protetti.

2. Il-programmi maħsuba fil-paragrafu 1 għandhom jirrelataw, b'mod partikolari, għall-istħarriġ tal-persunal xjentifiku u tekniku, għall-istħarriġ xjentifiku u l-akkwist, l-utilizzazzjoni u l-produzzjoni minn dawk il-pajjiżi ta' tagħmir approprjat fuq termini vantaġġużi li jridu jiġu miftiehma bejn il-Partijiet konċernati.

Artikolu 16

Tibdil fid-delimitazzjoni jew l-istatus legali ta' żona protetta jew is-soppressjoni totali jew parzjali ta' żona bħal din ma jistax isir ħlief bi proċedura simili għal dik segwita għall-istabbiliment tagħha.

Artikolu 17

1. Il-laqgħat ordinarji tal-Partijiet ta' dan il-Protokoll għandhom isiru flimkien mal-laqgħat ordinarji tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni li jsiru skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Partijiet jistgħu ukoll jagħmlu laqgħat straordinarji skond dak l-Artikolu.

2. Għandha tkun il-funzjoni tal-laqgħat tal-Partijiet ta' dan il-Protokoll, li b'mod partikolari:

(a) tinżamm taħt reviżjoni l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll;

(b) tkun ikkunsidrata l-effikaċja tal-miżuri adottati, waqt li titqies b'mod partikolari iż-żona li għaliha japplika dan il-Protokoll, u li jkun eżaminat il-bżonn ta' miżuri oħra, b'mod partikolari fl-għamla ta' annessi, jew li jkun ippjanat, jekk meħtieġ, xi tibdil għal dik iż-żona, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni;

(ċ) ikun adottat, rivedut u emendat kif meħtieġ kull l-Anness ta' dan il-Protokoll;

(d) ikun monitorjat l-istabbiliment u l-iżvilupp tan-*network* ta' żoni protetti kif previst fl-Artikolu 12, u biex jiġu adottati linji ta' gwida li jiffaċilitaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' dik is-sistema u biex tiżdied il-koperazzjoni bejn il-Partijiet;

(e) jiġu kkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet magħmula fil-laqgħat minn persuni responsabbli għaż-żoni protetti, kif previst fl-Artikolu 14(2);

(f) jiġu kkunsidrati r-rapporti mibgħuta mill-Partijiet lill-Organizzazzjoni skond l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni u kull informazzjoni oħra li l-Partijiet jistgħu jibagħtu lill-Organizzazzjoni jew lill-laqgħa tal-Partijiet.

Artikolu 18

1. Id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar kull protokoll għandhom japplikaw fir-rigward ta' dan il-Protokoll.

2. Ir-regoli dwar proċedura u r-regoli finanzjarji adottati skond l-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw fir-rigward ta' dan il-Protokoll, sakemm il-Partijiet ta' dan il-Protokoll ma jiftiehmux mod ieħor.

3. Dan il-Protokoll għandu jinfetaħ għall-iffirmar, f'Ġinevra fit-3 u l-4 ta' April 1982, u f'Madrid mill-5 ta' April 1982 sat-2 ta' April 1983 minn kull Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni u kull Stat mistieden għall-Konferenza ta' plenipotenzarji tal-Protokoll dwar żoni speċjalment protetti tal-Mediterran, li saret f'Ġinevra fit-2 u t-3 ta' April 1982. Għandha wkoll tkun miftuħa għall-iffirmar mill-5 ta' April 1982 sat-2 ta' April 1983 minn kull għaqda reġjonali ekonomika li għall-inqas waħda minnhom trid tkun Stat tal-kosta fiż-żona tal-Baħar Mediterran u li tkun teżerċita kompetenza f'oqsma koperti minn dan il-Protokoll.

4. Dan il-Protokoll għandu jkun suġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Dokumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu depożitati mall-Gvern ta' Spanja, li għandu jassumi l-funzjonijiet ta' depożitarju.

5. Mit-3 ta' April 1983, dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni u għal kull Stat jew għaqda msemmija fil-paragrafu 3.

6. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fit-30 jum wara d-depożitu ta' mill-inqas sitt dokumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta', jew adeżjoni ma', il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan, l-iffirmati ta' hawn taħt, billi huma debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f'Ġinevra illum 3 ta' April ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin f'kopja waħda bil-lingwa Għarbija, Ingliża, Franċiża u Spanjola, bl-erba' testijiet ikunu ugwalment awtorevoli.